MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 506/2007

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-societa'**
**PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**Vs**

**Dr. Patrick Valentino u P.L. Louisa Tufigno nominati b'digriet**
**tal-25 ta' Mejju 2007 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw**
**lil Chal Global Limited,**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent nomine issottometta illi:

Illi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka 'PUMA' registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka 'Cat' registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* gharrigward ta' oggett li huwa identiku ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta' attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita' ta' zraben bil-marki ta' '*Puma*'' liema zraben mhumiex mudelli tas-socjeta' attrici b'*packing* mhux tas-socjeta' attrici liema *ítems* huma 'fake'.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta' tas-socjeta' attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks u l-Att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprieta' tas-socjeta' attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* INKU **2631943** mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-konvenuti kuraturi** a fol. 17 tal-process fejn eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza pero’ jirrizervaw li jippresentaw ir-risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta’ minnhom rapprezentata.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-attur tas-7 ta’ Dicembru 2007;

Semghet lill Avukati difensuri;

**Tikkunsidra**

Billi mill-provi prodotti jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati, u dawn bl-ebda mod ma gew kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara li l-konvenuti kkontravenew it-*trademark* proprjeta’ tas-socjeta’ attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;
tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni u tielet talba billi dawn gew ceduti;
tordna l-oggetti (zraben) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* INKU **2631943** mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta’ attrici jigu distrutti skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------